Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7608/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0113(COD)

CODEC 765
EF 98
ECOFIN 300

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2014/59/UE u r-Regolament (UE) Nru 806/2014 fir-rigward ta’ ċerti aspetti tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fit-18 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE, lill-Kunsill.

2. Il-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-5 ta' Lulju 2023[2].

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-13 ta' Lulju 2023[3].

4. Fis-27 ta' Frar 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni[4]. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

[1] 8484/23.
[2] ĠU C 307, 31.8.2023, p. 19.
[3] ĠU C 349, 29.9.2023, p. 161.
[4] 7015/24.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 94/23, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

   Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.